

# L-ISTORJA TAL-KURA MEDIKA F'MALTA TAGĦMEL PARTI MILL-ISTORJA TAL-FLORIANA

*kitba ta' Paul P. Agius Dip. Educ. (Ad), BA.*

L-istorja tas-Servizzi Soċjali u tal-Kura Medika f'pajjiżna huma integrati ma' l-istorja tas-Subborg tagħna 'Il-Floriana'. Meta mqabbla ma' lokalitajiet oħra wieħed isib li wħud minn dawn l-Istituzzjonijiet relatati mas-Saħħa raw il-bidu tagħhom hawn, jew kellhom konnessjoni mill-qrib mal-Floriana. Ċerti entitajiet governattivi jew oħrajn li mhumiex, sabu kenn f'numru ta' djar fil-Floriana. Qiegħed nirreferi għar-Rifuġjati, persuni li qed jirrijabilitaw ruħhom wara l-abbuż mid-droga jew mill-priġunerija, jew li qegħdin isegwu tip ta' kura mentali f'residenzi għalihom fis-Subborg.

Is-servizzi msemmija jaqgħu taħt tliet kategoriji:-
L-ISPTARIJIET
SERVIZZ MEDIKU DISTRETTWALI
SERVIZZI SOĊJALI

**L-ISPTARJIET**

Il-kura ta' l-anzjani mill-Istat u mill-privat fil-Floriana rat il-bidu tagħha fl-1729 mill-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann minn ġewwa post li kien mibni fl-1665 biex jintuża għall-manifattura u l-ħażna tal-polvri. Għalkemm dan il-post ġie konvertit biex jibda jilqa' fih il-pazjenti xorta waħda l-akkomodazzjoni fih provduta ma kinetx ta' livell sodisfaċenti, lanqas għal dak iż-żmien. Il-Gran Mastru Antonio Manoel de Vilhena, bniedem nobbli u wisq maħbub mill-Maltin, kien sensittiv għall-bżonnijiet tal-poplu kollu imma l-iktar għal dawk fqar. Nhar is-16 ta' Diċembru 1732 waqqaf dan il-post fil-viċin li kellu jservi flok dak l-imsemmi qabel. Huwa ħallas għal dan il-post b'għotja mill-fondi personali tiegħu, mill-Muniċipalità tal-Belt Valletta, u minn sorsi oħra. Fl-1785 dan il-post beda jissejjaħ 'Ospizio'. Sa snin wara pazjenti mill-Infermerija, b'mard mentali, ex-prostituti u priġunieri nisa ġew trasferiti mill-Belt u tpoġġew flimkien f'dan il-post tant li sal-1816 kien hemm taħlita sħiħa li kienet tlaħħaq mas-700.



ID-DAR TAR-REFUĠJATI



L-OSPIZIO

L-Isptar Ċentrali beda fl-1850 ġewwa bini li diġa' kellu mal-100 sena u kien miftuħ kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa, f'post li ma kienx daqshekk addattat, għaliex fil-qrib kien hemm il-*barracks* militari, bil-ħsejjes tal-parati, tnabar, u *bugles*, kif ukoll ħwienet tax-xorb u għaż-żfin iffrekwentati mill-baħrin u s-suldati li ta' spiss kienu jiċċelebraw bil-kant u għajat jew xi ġlieda wara xi argument jew xarba kbira. L-akkomodazzjoni xejn ma kienet tajba u għal 80 sena sħaħ il-pazjenti baqgħu hekk jissaportu sakemm beda l-bini ta' l-Isptar San Luqa

f'April 1930. Fl-4 ta' Mejju 1941, intlaqat mill-għadu sarulu ħsarat kbar. Fil-11 ta' Marzu 1954 sar il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.
Għalkemm il-kura tal-morda u pazjenti xjuħ kienet organizzata, dawk li kienu jeħtieġu kura mentali kienu l-aħħar li gawdew minn dan is-servizz tal-gvern. L-art ingħatat fl-24 ta' Jannar 1739 u tidher fi pjanta li ġġib id-data ta' l-1742 bħala struttura msejħa 'Giardino, Casa e Cortile del Commendator Franconi' fuq 'il piano dei capuccini'. F'din ir-residenza sabiħa tal-Bali Fra Fabrizio Franconi (Kavallier imlaħħaq u influwenti ta' l-Ordni ta' San Ġwann). Wara l-mewt tal-Kavallier id-dar ingħatat b'ċens għal 50 sena lil Luqa u Lieni Mattei u wara għaddiet għand il-Gvern Ingliż b'kuntratt tat-30 ta' Settembru 1802. Minn dak iż-żmien bdiet tintuża għal pazjenti taħt kura mentali. Fl-1837 ġew rikoverati numru ta' pazjenti u għalhekk ġiet magħrufa bħala Franconi Asylum. Il-post ġie deskritt bħala ħabs, fejn il-pazjenti kienu jintrabtu bi ktejjen mal-ħajt, imsawta u mkebba fil-ġakketta biex ma jitħabtux. Dawn il-pazjenti kienu jiġu seprati f'ċellel iżolati għalihom meta jidgħu jew meta jqattgħu ħwejjiġhom. Taħt it-tmexxija ta' Dr Thomas Chetcuti l-immaniġjar tal-post ħa xejra għall-aħjar fl-1839, imma minħabba li l-post ma kienx strutturalment addattat, kien iktar baqa' diżorganizzat milli organizzat. Il-post kien tant hekk magħruf li għalkemm ġie trasferit għal Ħ'Attard bl-ismijiet differenti bħal dak ta' *Lunatic Asylum* (1881), *Mental Hospital* (1928) u *Mount Carmel Hospital* (1967) l-isem l-iktar popolari "ta' Frankuni' baqa' assoċjat sa llum il-ġurnata.
Din il-binja li għaddiet f'idejn is-servizzi Ingliżi fl-1871 u ntużat bħala Officers Mess, sofriet ħsarat kbar fil-gwerra, imma saritilha tiswija u restawr u partijiet inħattu u reġgħu nbnew u wara għaddiet għand il-Familja Zammit Tabona. Fil-preżent f'din il-binja li llum tgħodd mat-300 sena nsibu l-Uffiċini tal-*Malta Federation of Industries* u hija msemmija 'Casa Leone'.
L-Isptar Re Ġorġ V kien inwawgurat mill-E.T. Field-Marshall Lord Plumer, Gvernatur ta' Malta fit-30 ta' Novembru 1922, fuq sit li qabel kien it-teatru 'Il Circolo Britania'. Matul l-aħħar gwerra l-isptar intlaqat kemm-il darba iżda l-agħar attakk fuqu sar il-Ħadd 26 t'April 1942. L-isptar reġa' nfetaħ mill-ġdid fl-1947, u fl-istess sena bdew jiġu kkurati fih għall-ewwel darba pazjenti Maltin. L-Isptar għalaq fil-31 ta' Jannar 1967, u snin wara ġie msemmi Sptar Sir Paul Boffa.


L-ISPTAR ĊENTRALI


CASA FRANCONI



FLORIANA HEALTH CENTRE

## IS-SERVIZZ MEDIKU DISTRETTWALI
L-eżistenza ta' dan is-servizz tmur lura lejn l-aħħar tas-seklu 15, u kien immexxi mill-Istat minn ġewwa l-Imdina. U wara l-wasla ta' l-Ordni tal-Kavallieri dan is-servizz ġie mifrux fl-ewwel kwart tas-seklu 18, biex jipprovdi kura medika fid-djar u taħt il-ħakma Ingliża bdiet ukoll l-Ispiżeriji tal-Gvern. Hekk dik li kienet magħrufa bħala l-*Albergo de Poveri* (Auberge) bdet tissejjaħ 'Il-Berġa'. U minn dik li kienet il-Berġa ta' l-Ingliżi fil-Floriana, inbidlet maż-żmien u bil-kura medika fil- 'Policlinic' jew il- 'Floriana Health Centre' (FPC). Il-FPC ġiet inawgurata fl-1 ta' Mejju 1980 u tipprovdi servizzi fid-



L-ISPTAR SIR PAUL BOFFA



IS-SALA TA' L-IKEL FID-DAR TA' L-ANZJANI

diversi oqsma ta' kura medika inkluża Spiżerija u *Dental Clinic*.

## IS-SERVIZZI SOĊJALI

Sa mill-bidu tas-Seklu 18 xi Istituzzjonijiet Karitatevoli diġa kienu jieħdu ħsieb kemm it-trabi, it-tfal abbandunati u kienu wkoll jipprovdu għall-addozzjoni legali tagħhom. Is-subien malli kienu jagħlqu t-8 snin kienu jitpoġġew f'apprendistat biex jitgħallmu sengħa sa ma jkollhom 16-il sena. Filwaqt li l-bniet kienu jitqiegħdu fil-Konservatorju fil-Floriana sal-20 sena meta jew jiżżewġu jew isibu x-xogħol. Dawn kienu jgħoddu mal-200.

Il-konservatorju ġie mwaqqaf fl-1734 mill-Gran Mastru Antonio Manoel de Vilhena biex jilqa' fih tfal bniet u tfajliet bi skop li jitgħallmu xogħol ta' artiġjanat u ħiliet fi snajja' tradizzjonali. Għal iktar minn 100 sena dan kien ukoll magħruf bħala l-Casa d'Industria sakemm iktar tard ġie konvertit fl-Isptar Ċentrali. Dan baqa' hekk sa ma beda jintuża bħala l-*General Headquarters* tal-Pulizija.

Id-Duka ta' Connaught li nżerta kien hawn Malta poġġa l-ewwel ġebla ta' dan il-lokal fit-3 ta' Marzu 1908 fuq pjanta ta' l-Arkitett Bridgeford Pinie. Din id-Dar għaddiet f'idejn il-Gvern Malti u għal xi żmien kienet immexxija minn Patri Dionisju Mintoff. Wara ġiet konvertita bħala residenza għall-anzjani, u ssemmiet 'Dar il-Mistrieħ'.

Iċ-Ċentru tal-*Floriana Senior Citizens* jista' jitqies ukoll bħala mudell pilota miftuħ għal matul il-ġurnata u mmexxi minn Kumitat ta' l-Għaqda għall-istess anzjani Furjaniżi. Dan kien esperiment li rnexxa bħala servizz soċjali li beda f'Jannar 1983. Din l-idea intgħoġbot u nfirxet f'numru ta' bliet u rħula Maltin, bid-differenza li dawn iċ-ċentri ta' barra mill-Floriana huma mmexxija jew mill-Kunsill Lokali jew mill-Gvern Ċentrali.

Fil-preżent mifruxa mal-Floriana nsibu numru ta' djar li qed iservu ta' kenn għal kategoriji differenti ta' persuni li huma wkoll parti mis-soċjetà Maltija. Fost dawn insibu Dar il-Mistrieħ, Djar tar-Refuġjati, għar-rijabilitazzjoni tad-Drogati, ex-Priġunieri, jew li qed jirċievi trattament ta' kura mentali. Bejn l-Ispiżeriji u Kliniċi privati mifruxa fil-Floriana, wieħed isib servizz li jkopri tista' tgħid kull qasam mediku inkluż X-Ray Clinic.

Din il-ħarsa turi kemm dak li qed iseħħ fil-preżent fil-kamp tal-kura medika, għad irid jinkiteb fl-istorja tas-Subborg fejn wara sekli sħaħ għadha tidher sew ix-xhieda tal-kenn u l-appoġġ li dejjem ingħata f'dak li hu servizz soċjali u l-kura medika minn ġewwa s-Subborg Furjaniż.



IĊ-ĊENTRU TA' L-ANZJANI


Artikli u kotba li minnhom ittieħed dan it-tagħrif:-
Joseph Camilleri
*History of Nursing in Malta - Care of the Mentally Ill*
Dr Paul Cassar
*Malta Medical Journal, Vol 18 Issue 1 March 2006*
Emmanuel S. Tonna
*First Focus on Floriana 1967*
Siti mill-*Internet*